

Brussell, 27 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13555/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0190 (COD)

CODEC 1648
PECHE 397

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-23 sas-26 ta' Ottubru 2017)

I. INTRODUZZJONI

Ir-relatur, is-Sur Alain CADEC (PPE, FR) ippreżenta rapport, f'isem il-Kumitat għas-Sajd, bil-għan li tiġi inkorporata l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2017 billi inkorpora l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan.

Fit-22 ta' Settembru 2017, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kien approva l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament. L-att leġislattiv għandu mbagħad jiġi adottat skont il-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

P8_TA-PROV(2017)0394

Il-Politika Komuni tas-Sajd: implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2017)0424 – C8-0239/2017 – 2017/0190(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0424),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 294(2) u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0239/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkonsulta l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2017,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Settembru 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċeduri tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0285/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal- 24 ta' Ottubru 2017 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tat-18 ta' Ottubru 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017.

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi l-obbligu tal-ħatt l-art tal-qabdiet kollha tal-ispeċijiet li huma soġġetti għal limiti tal-qbid u, fil-Mediterran, anki l-ħatt l-art tal-qabdiet ta' ċerti speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi (l-“obbligu ta' ħatt l-art”).
- (2) Il-pjanijiet pluriennali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-pjanijiet ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006⁴ jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati maħsuba biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art (“pjanijiet għall-iskartar”).
- (3) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li, fin-nuqqas ta' pjanijiet pluriennali jew ta' pjanijiet ta' ġestjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta pjanijiet għall-iskartar fuq bażi temporanja u għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet snin.
- (4) L-esperjenza wriet li l-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet pluriennali jew ta' pjanijiet ta' ġestjoni li jinkludu pjanijiet għall-iskartar jieħdu iktar żmien milli kien previst fiż-żmien tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

- (5) Huwa għalhekk xieraq li jiġi ffissat il-perjodu li matulu l-Kummissjoni tista' tadotta pjanijiet għall-iskartar fin-nuqqas ta' pjanijiet pluriennali jew ta' pjanijiet ta' ġestjoni.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “6. Fejn ma jkun ġie adottat l-ebda pjan pluriennali, jew l-ebda pjan ta' ġestjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, għat-tip ta' sajd inkwistjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament, atti delegati li jistabbilixxu fuq bażi temporanja pjanijiet għall-iskartar speċifiċi li jkun fihom l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn tliet snin li jista' jiġġedded għal perjodu totali ieħor ta' tliet snin. L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw, f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, fit-tfassil tat-tali pjan bil-ħsieb li l-Kummissjoni tadotta t-tali atti jew li din tippreżenta proposta skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
